## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 160/2023: **HERBERT SPITERI (KI. 46795M) EŻERĊENTI FIL-KUMMERĊ TAĦT IN-NOM HMS GROUP HERBERT MANFRED SPITERI V. KURATURI DEPUTATI BIEX JIRRAPREŻENTAW LIL IRWIN LOUIS GUILLIAN U KIF UKOLL IL-KUMPANIJA ESTERA GIL INNOVATIVE CONSULTING SERVICES GROUP LLC (NRU. 0801638460) U B'DIGRIET TAT-13/10/2023, KIF EMENDAT, ĠIET MAĦTURA DR. MARIA KARLSSON BĦALA KURATUR DEPUTAT TAL-INTIMATI ASSENTI**

(AMMONT DOVUT)

**MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK**

**22 ta' April 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Herbert Spiteri eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem HMS Group Herbert Manfred Spiteri (imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2023[1] li permezz tiegħu talab li Irwin Louis Guillian u Gil Innovative Consulting Services Group LLC (msejjħa"l-intimati") jidhru fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħidu 'l għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati li:

> **'huma jew min minnhom iħallsu s-somma ta' sebat elef seba' u ħamsin euro u erba' u sebgħin ċenteżmu (€ 7,057.74) għal maggażinaġġ ta' affarijiet proprjeta' tal-intimati f'Malta**

[1] Fol 1-5

**sat-23 ta' Novembru 2021, kif indikati fl-*invoices* hawn annessi u mmarkati Dok A1 sa Dok A4.**

**Liema oġġetti għadhom maggażinati għand ir-rikorrenti u għalhekk din il-kawża qed issir b'riserva għal kull ammont ieħor dovut għall-maggażinaġġ kontinwata tal-istess affarijiet sad-data tallum.**

**Bl-imgħaxijiet skond il-liġi mid-data tal-fatturi fuq indikati, bl-ispejjeż u bl-inġunżjoni in subizzjoni.'**

wara li rat illi b'digriet tal-10 ta' Lulju 2023 din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent għall-ħatra ta' kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-intimati assenti bil-ħruġ tal-bandi u li b'digriet tat-13 ta' Ottubru 2023[2] il-Qorti ħatret lill-Avukat Dr. Maria Karlsson għal dan il-għan (imsejjħa "il-kuratur deputat intimata"),

wara li rat ir-risposta tal-kuratur deputat intimata tat-3 ta' Novembru 2023[3] li permezz tagħha rrispondiet kif ġej:

**'Illi hi ġiet notifikata bl-avviż numru 160/2023 VGA fl-1 ta' Novembru 2023 iżda ma jirriżultax illi taf lil min għandha tirrappreżenta għaliex l-isem tal-kontroparti mhuwiex indikat fl-avviż.**

**Illi l-kuratur deputat m'huwiex edott mill-fatti u għaldaqstant qiegħda tirriserva d-dritt li tagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt meta jkun il-każ.**

**Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.**

**Bl-ispejjeż kontra l-attur.'**

wara li semgħet ix-xhieda tar-rikorrent imressqa fil-5 ta' Frar 2024 u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tiegħu[4],

wara li semgħet lir-rikorrent jikkonferma fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2024 illi l-ammont mitlub kien għadu dovut *in toto*[5];

wara li rat li fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2024 il-kawża tħalliet għat-22 ta' April 2024 għall-provi tal-intimati[6],

[2] Fol 11, kif emendat u estiż bis-saħħa tal-ordni tal-Qorti tal-4 ta' Marzu 2024 a fol 36
[3] Fol 31
[4] Fol 35A-35D
[5] Fol 36
[6] *ibid*

wara li semgħet lill-kuratur deputat intimata tgħid fis-seduta tal-lum 22 ta' April 2024 illi minkejja li kienet għamlet numru ta' tentattivi sabiex tikkomunika mal-intimati hija ma rnexxilix tagħmel kuntatt magħhom u wara li rat korrespondenza f'dan ir-rigward[7],

wara li rat li fl-istess seduta tal-lum il-kawża ġiet posposta sabiex tingħata sentenza,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Fix-xhieda tiegħu tal-5 ta' Frar 2024[8], ir-rikorrent **Herbert Spiteri** xehed illi l-intimati kellhom uffiċju ġewwa Sky Parks u kienu ħadu servizzi ta' *storage* mingħandu sakemm jsibu uffiċċju ieħor. Imbagħad telqu barra minn Malta u tilef kull kuntatt minn magħhom. Fil-frattemp l-oġġetti u l-effetti personali tagħhom baqgħu maħżuna fl-imħażen tar-rikorrent b'dan li tilef u qed jitlef il-flus konsistenti fil-kirja tal-maħżen. Ikkonferma ukoll illi huwa ma baqax jiċċarġja għall-i*storage* minkejja li l-oġġetti baqgħu fil-maħżen sal-ġurnata tal-lum.

2. Ir-rikorrent ikkonferma ukoll l-ammont mitlub u ċioe € 7,057.74.

3. Fis-seduta tal-lum, 22 ta' April 2024, li kienet riservata għall-provi tal-intimati, il-kuratur deputat intimata ddikjarat illi minkejja li kienet għamlet numru ta' tentattivi sabiex tikkomunika mal-intimati hija ma rnexxilix tagħmel kuntatt magħhom. Għalhekk ma kellha l-ebda informazzjoni sabiex tkun tista' tgħinha tippreżenta d-difiża tal-intimati. F'dan ir-rigward esebiet ukoll korrespondenza[9],

4. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tara li l-intimati m'għandhomx difiża xi jressqu u *di piu'* r-rikorrent ressaq provi suffiċjenti sabiex fuq bilanċ ta' probabiltajiet l-Qorti tilqa' t-talbiet tiegħu.

**Deċiżjoni**

5. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dan illi:**

---

[7] Fol 37-38
[8] Fol 35A-35D
[9] Fol 37-38

1. **tiddikjara illi l-intimati huma debituri *in solidum* tar-rikorrent fis-somma komplessiva ta' sebat elef seba' u ħamsin euro u erba' u sebgħin ċenteżmu (€ 7,057.74) għal maggażinaġġ ta' affarijiet proprjeta' tal-intimati f'Malta sat-23 ta' Novembru 2021,**

2. **tikkundanna lill-intimati *in solidum* jħallsu din is-somma lir-rikorrent flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekoribbli mid-dati tal-fatturi relattivi sal-effettiv pagament,**

3. **tikkundanna lill-intimati *in solidum* jħallsu ukoll l-ispejjeż ta' din il-kawża.**

**Tordna ukoll il-ħlas tad-drittijiet tal-Kuratur Deputat skond il-liġi.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur